MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-15 ta' Frar, 2010

Numru 1139/2009

Il-Pulizija
(Spettur Maurice Curmi)

vs

Stefan Cachia

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-akkuzat ta' karta ta' identita' numru 562089M, akkuzat talli:

1. fil-25 ta' Lulju 2009 fuq il-monti tal-Belt Valletta ffalsifika jew biddel minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew prodott ta' industija jew manifattura, jew xjentement ghamel uzu ta' sinjali, tabelli jew emblemi li kien fihom indikazzjoni li setghu iqarrqu lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh tali merkanzija, jew xjentement qeghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-

bejgh jew importa ghal hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’marka, sinjal jew emblema imxebbhin b’qerq u cioè numru ta’ DVDs u loghob tal-playstation II, ai termini ta’ l-artikolu 298(1) tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. fl-istess data, lok u cirkostanzi bi qligh jew bi skop ta’ kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor irripproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi skur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta’ l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta’ Malta jew tahtha, ai termini tal-artikolu 298B tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament mhux opposta;

Semghet lill-akkuzat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni hu baqa’ jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni fuq il-piena.

Ikkonsidrat:

Illi in vista tas-sottomissjonijiet fuq il-piena mill-prosekuzzjoni u d-difiza u stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-akkuzat, wara li rat l-Artikolu 298(1), 298B u 17 tal-Kodici Kriminali tiddeciedi li:

1. tapplika kontra tieghu l-Artikolu 7 tal-Kap 446 billi tpoggih taht il-harsien ta’ ufficjal tal-probation ghal tlett snin mill-lum bil-kundizzjoni li jittermina b’mod

sodisfacjenti l-programm ta' rijabilitazzjoni li l-akkuzat qieghed prezentement isegwi;
2. multa ta' €500 li jithallsu minn sena u nofs mill-lum ossija meta l-akkuzat ikun ittermina l-programm b'pagamenti ta' €50 fix-xahar, konsekuttivi u sussegwenti bid-dekadenza tat-terminu konvertibbli l-ammont jew kull bilanc dovut fi prigunerija bir-rata ta' €11.64 ghal kull gurnata.

Il-Qorti fehmet lill-akkuzat ir-responsabbilitajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------